KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 8, miżmuma nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru, 2019 fis-6.00pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**9.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji

**9.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (08)**

Rigward t-tournament il-Kunsill ma qabilx dwar din t-talba.
Re: SPB T/09/2019 - Il-Ħlas huwa ta' €55 mhux €75
Re – Item fuq l-aġenda 'Affarijiet Oħra' ġiet preżentata ċirkulari 36
Affarijiet oħra ma tkunx fl aġenda
Il-kunsill qabel
Il-kunsillier Paul Bugeja ddikjara li ma kellu ebda intenzjoni li jitfa dell ikrah fuq il-haddiema meta hu talab biex tibda titieħed nota tal-ammont ta' fuel li jintuża u l-mili li jsiru sabiex l-kunsill jkun jaf l-vettura tkunx qed taħli.
Il-Kunsilliera Graziella Galea titlob vot fuq il-minuti.
Is-Sindku Alfred Grima, il-Kunsilliera Daryl Conor, Paul Bugeja, Carlos Zarb, Mario Salerno, Alfred Bray u Stephen Cremona vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Anthony Delia, Anthony Angelo Attard, Chris Vella Petroni u Antoinette Bezzina vvutaw kontra.

**9.3 Punti mill-minuti**

Rigward Triq San Ġużepp, Wardija saret komunikazzjoni bit-telefon mar-resident u se ssir laqgħa.
Dwar Xifer il-Kif, il-pjanti saru u se tiddaħħal applikazzjoni DNO f'isem il-Kunsill.
Re-sejħa Customer care personnel se tinżamm temporarjament.
Rigward l-Snow Ball Globe għadna qed nistennew risposta.
Re-kont ta' Burmarrad, inġibdet l-attenzjoni li l kont li tħallas hu akbar ħafna minn dawk il-kontijiet ta' qabel.

**9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Garanzija bankarja re-Bankini:
Il-kunsill qabel li l-ebda garanzija bankarja ma'għandha tiġi rilaxxata fejn jinstab li l-bankina ġiet b'xi mod kkapparata b'xi gradilja li sservi għal arja għal xi basement jew biex minnha jgħaddu servizzi għall-gwadann ta' dak li jkun. Apparti, li dan imur kontra l-ligi, gradilja fuq bankina toħloq periklu għal kull min jaghmel użu minna.

Ħatra ta' President kunsill skolastiku:
Ms. Josette Dalmas il-headmaster ta' l-iskola l-ġdida tal-Qawra, resqet rikjesta lill-kunsill biex Ms. Marlene Debono tinħtar President f'isem il-Kunsill. Gie ssuġġeriett li ssir laqgha bejn il-kunsill u s-sinjura Debono.

Kont ta' 7 snin ilu:
Il-Kunsill irċieva Invoice ta €1947 ta' xogħol li ntqal li sar 2012 mill-ufficju tal-perit Robert Sant fl-inhawi ta' Ġnien San Ġeraldu. Kien hemm qbil li l-kont jaghddi ghand l-avukat tal-kunsill biex jara jekk hux preskritt. F'dak il-każ ma jithallasx.

Hatra Deputat Segretarju:
Id-Dipartiment nforma li l-kariga ta' Ms Grech bħala deputy secretary giet mġedda mill-10 ta' Novembru, 2019.

Latrina pubblika tas-Sirens:
Ix-xogholijiet li kellhom jibdew isiru fil-madwar tal-latrina pubblika tas-Sirens mill-MTA ma bdewx minhabba s-Sirens Water Polo Club li tefaw Container u bosta affarijiet ohra fejn kellu jsir ix-xoghol kontra dak li gie miftiehem. Ghalkemm l-istess klabb zmien ilu wehdu li sejrin inehhu dawk l-affarijiet li tefgħu, sa issa ma tneħħa xejn. Il-Kunsill jemmen li hadd ma ghandu jtellef hidmet il-kunsill u ghalhekk kien hemm qbil li ghandhom jittiehdu dawk l-azzjonijiet necessarji nkluz li jsir mandat li jinżammu xogholijiet ta' dak li jkun bhala detriment.

Reklam tad-djarju tal-festa : Approvat mill-kunsill.

Korrispondenza mill-Awtorita ta' l-Ippjanar:
L-Awtorita ta' l-Ippjanar bagħtet korrispondenza fejn din staqsiet jekk kienx il-kunsill li waħħal grada fi triq San Pawl, fejn l-Westland. Intqal li din ma saritx mill-Kunsill.

Claim ghal danni :
Il-kunsill approva hlas ta' €170 minhabba nċident li sehh fi triq il-Limbordin.

Claim ghal danni :
Il-kunsill ma approvax hlas ta'danni ghal inċident fi Triq ir-Rebbiegha.
Kien hemm qbil li tintbagħat risposta bl-avukat fejn jingħad li dawk l-inħawi huma pedestrian zones, li jeħtieġ sewqan limitat, fejn qed jiġi nnutat li kawża tal-aċċident saret ħsara fil-pavimentar.

Bandli Thalassalejn

Giet approvata proposta biex tinħareġ sejħa pubblika għal xiri ta' żewġ bandli/gym biex jitwaħħlu fil-kids park ta' Thalassalejn li jkunu jistgħu jagħmlu użu minnhom anke persuni b'diżabilità.

**9.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm xejn.

**9.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**9.6.1 Rapport ta Evalwazzjoni** – SPB T/01/2019 *Street Sweeping*
Gie evalwat. Klarifika intbaghatet. Ingħata dettall. €6.92/hr.Evalwazzjoni saret. Tressaq t-tender. Tender magħluq

Services SPB T/09/2019 – Resurfacing and Patching of roads, construction of Footpaths
Il-kunsill approva r-rapport hekk kif tressaq.

SPB T/10/2019 – Passenger Transport
Il-kunsill approva r-rapport hekk kif tressaq.

**9.6.2 Rapport** – Replies to Management Report
Hemm qbil kif spjegat b eċċezzjoni ta' emenda waħda

**9.6.3 Ingaġġ ta' Skrivani u Uffiċjal Eżekuttiv**

Il-Kunsill approva ir-rapport hekk kif tressaq, fejn se jiġu mpjegati;
1 – executive officer scale 13
3 – clerks scale 15

**9.7 Item : Laqgha tal-Lokalita'**

Bir-riforma il-ġdida trid issir laqgha sal-15/12/19 fejn fiha jitressqu l-estimi finanzjarji.
Ġie maqbul li din l-laqgħa tinżamm fis-sala tal-Kunsill nhar l-Erbgha 11 ta' Diċembru, 2019 fil-5.30pm.

**9.8 Item : Xiri ta' 'tablet' għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill**

Sabiex jitnaqqsu l-karti, linka tal-photocopies u xogħol żejjed ġie suġġerit li jinxtraw tablets għal kull kunsillier biex jintużaw waqt il-laqgħat fejn dawn jibqgħu propjetà tal-Kunsill.
Il-Kunsill approva.

**9.9 Item: *Official Launch of Council EV and Van***

Kien hemm qbil li din issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru, 2019, fl-4.30pm fejn t-Torri Wignacourt.

**9.10 Item: Rata ta' ħlas għal Evalwaturi ta' *Tenders***

Eur55 għal kull siegħa / parti minnha li tinkludi anke x-xogħoll li jsir mid-dar.
Minimu ta' sagħtejn.

**9.11 Item: Ħsarat f'toroq ġodda**

Ġiet nnutata ħsara fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' i ġiet mibnija mill-ġdid kif ukoll fi Triq Alofju Wignacourt kantuniera ma' Triq it-Turisti.
Il-Kunsill qabel li jekk jkun hemm ħtieġa jsiru t-testijiet tal-materjal li ntuża fejn meħtieġ.

**9.12 Item: Attivitajiet għall-festi tal-Milied**

Joseph Vella, Pierre Bonnet u Daryl Connor attendew għall-laqgħa tal-bord.
Il-Kunsill ġie infurmat li l-Christmas Market sejjer jinżamm fl-20 u l-21/12/2019 fejn l-bandli ta' Triq Parades. Ġie ppreżentat l-programm minn fejn se tgħaddi il-banda li se ddur madwar il-lokalita'. Il-Kunsill iddentifika l-jum tas-6 ta' Diċembru, 2019 biex tinżamm l-ikla tal-Milied għall impjegati u l-kunsilliera tal-Kunsill.

**9.13 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/ servizzi**

Inġibdet l-attenzjoni dwar kont ta' l-Arms Ltd li jirrigwardja użu ta' dawl u ilma fil-kmamar ta' Burmarrad. Kien hemm qbil li dan il-kont ma jitħallasx u tintbagħat ittra lid-dipartiment.

943 – Re: sinjali tat-traffiku il-Perit għandu jiċċertifika x-xoghol qabel isir il-ħlas
994 – kont tal-kuntrattur, ma jithallasx
*Bugibba Christmas light* hemm żball fil-kitba tat-*tender.*

941, 943, 994 – Qbil li jinżammu l-pagamenti sakemm jiġu vverifikati li huma korretti.

Ġie approvat li jinxtraw l-oġġetti segwenti.
Microwave
TV Screen
Coffee Pot

**9.14 Item: Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

16 ta' Diċembru, 2019

<IFFIRMATA> <IFFIRMATA>

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv